## 8 ta' Mejju, 1990

## Imħallef: –

## Onor. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D.

Mario Camilleri

*versus*

Mario Borg *et noe*

## Likwidazzjoni ta' Danni Akwiljani – *Damnum Emergens* – *Lucrum Cessans* – Intervent fil-Kawża

*Sabiex in-nota ta' eċċezzjonijiet ta' intervenut fil-kawża tkun proċeduralment konformi mal-liġi, għandha tkun marbuta mat-termini taċ-ċitazzjoni, u mhux tirrigwarda biss ir-relazzjonijiet ta' l-intervenut mal-konvenut.*

*Il-kriterji li għandha timxi fuqhom il-Qorti fil-likwidazzjoni tal-lucrum cessans huma li, sa fejn huwa possibbli, għandha terġa' tqiegħed lill-vittima fl-istess stat li kien fih qabel l-inċident.*

L-att taċ ċitazzjoni propost jgħid hekk:

Peress illi nhar il-Ħadd 3 ta' Lulju 1988, għall-ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofsinhar (2.00 *p.m.*) waqt illi kont qed issqu il-karozza numru T 1766 (ittra T wieħed sebgħa sitta sitta) minn Saint Leonard Street, Limiti ta' Victoria, Għawdex, fid-direzzjoni ta' Mġarr Road u Republic Street, Victoria, Għawdex, inti konvenut investejt lill-attur illi kien qed isuq il-karozza tiegħu numru A 9487 (ittra A disgħa erbgħa tmienja

sebgħa) matul Mġarr Road; u per konsegwenza kkaġunajt ħsarat irreparabbli lill-vettura ta' l-attur u danni oħra materjali u feriti u leżjonijiet personali fuq il-persuna ta' l-attur illi minħabba fihom l-attur sofra danni ermerġenti u lukri ċessanti konsistenti f'telf ta' xogħol u disabilità permanenti kif jirriżulta waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

U peress illi dan l-inċident ġara unikament minħabba traskuraġni u imperizja grassa fis-sewqan tiegħek, kif ukoll minħabba sewqan esaġerat da parti tiegħek, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tiegħek,..... u għalhekk inti unikament responsabbli għall-inċident imsemmi;

Għid għalhekk inti konvenut għaliex ma għandhiex din il-Qorti prevja okkorrendo l-opera ta' Perit nominand:

1) tiddikjarak unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq imsemmi illi ġara fit-tlieta ta' Lulju 1988 fis-2.00 *p.m.* f'Saint Leonard Street kantuniera ma' Mġarr Road, Victoria, Għawdex, bejn il-karozza numru T 1766 misjuqa minnek u l-karozza numru A 9487 misjuqa mill-attur;

2) tillikwida d-danni sofferti mill-attur billi tiddikjara illi jikkonsistu fid-danni emerġenti u lukri ċessanti illi jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża;

3) tikkundannak tħallas lill-attur dawn id-danni kif likwidati;

Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja ta' l-10 ta' Awissu, 1988, u ta' l-ittra uffiċjali tas-16 ta' Awissu 1988, kif

ukoll tal-mandat ta' impediment ta' safar u dak ta' sekwestru fl-istess ismijiet ippreżentati fl-istess ġurnata; u anke dawk ta' l-ittra uffiċjali ppreżentati kontestwalment ma' din iċ-ċitazzjoni kontra tiegħek konvenut;

Bl-inġunzjoni għas-subizzjoni;

*Il-konvenut eċċepixxa li ma kellu ebda ħtija għall-kolliżjoni* awtomobilistika msemmija, li ġrat bi ħitja ta' l-attur.

Il-Qorti ppermettit lill-avukat Dr. Louis Bianchi biex f'isem *Gasan Insurance Agency Limited* in rappresentanza tas-soċjetà estera *General Accident Fire & Life Assurance Corp. PLC* – jintervjeni fil-kawża *in statu et terminis.*

In-nota ta' eċċezzjonijiet tas-soċjetà li interveniet fil-kawża tirrigwarda r-relazzjonijiet tagħha mal-konvenut – u dawn huma barra mit-termini taċ-ċitazzjoni u ta' l-eċċezzjonijiet u allura din in-nota mhix proċeduralment konformi mal-kondizzjonijiet tad-digriet u tal-liġi li jippermettu l-intervent fil-kawża. Kieku ma jkunx hekk – kull intervent jallarga l-frontieri tal-kawża b'mod li din tispiċċa biex tintilef fi kwistjonijiet li mhumiex **neċessarjament** konnessi maċ-ċitazzjoni, jew, almenu, ma' l-eċċezzjonijiet proċeduralment ammissibbli, tal-konvenut. In-nota *ta' l-intervenut Dr Bianchi nomine* b'ebda mod ma tikkommetti neċessarjament mat-termini la taċ-ċitazzjoni u lanqas ma' dawk ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut oriġinali;

Għall-provi tekniċi ġew nominati l-Kirurgu Tabib Dr Albert Bartoli – għall-parti Medika – u l-Prokuratur Legali Joseph Micallef – għall-parti mekkanika – ġuridika ta' l-inċident

awtomobilistiku msemmi fiċ-ċitazzjoni;

Il-qorti studjat ir-rapport ta' l-imsemmi Prokuratur Legali Joseph Micallef u pparagunatu mal-provi u sabet li għal dak li *jirrigwarda r-responsabbiltà ta' l-inċident, l-istess rapport ma* setax ikun aktar esawrjenti billi metikolosament qagħad jifli anki l-ipotesijiet possibbli biex juri għaliex it-teżi tal-konvenut hija insostenibbli. Il-konvenut irrealizza mill-ewwel li jekk jiġi stabbilit li huwa ħareġ minn Triq San'Anard – ċjoè Leonard, allura l-ħtija tiegħu ma tkunx kontestabbli; u allura l-unika opportunità li kellu kienet li jipprova jgħid li kien l-attur u mhux huwa li ħareġ fuq it-triq prinċipali minn Triq San'Anard. Barra l-provi pożittivi, kontra tiegħu però kellu ukoll nuqqas fatali kontra tiegħu: l-assenza mill-provi tat-testamonjanza taż-żewġ persuni li kienu mal-konvenut, barra naturalment, l-interessata Carmen Vella;

Ikun inutilment ripetittiv għall-Qorti biex tikkumenta *oltre*;

Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tad-danni; sfortunatament il-Qorti ma taqbilx mal-metodu tal-Perit Ġudizzjarju. *Il-ħajja lavorattiva ta' raġel ta' tnejn u tletin sena* għandha leġittimament titqies valida għal disgħa u għoxrin sena oħra; u għalhekk ħamsa fil-mija tas-salarju preżenti jammontaw għal tlett elef disa' mija u tmienja u ħamsin lira (Lm3,958). Minn dawn il-Qorti tnaqqas ħmistax fil-mija (15%) minħabba taxxi u kontribuzzjonijiet soċjali u allura l-ammont dovut għad-danni huwa ta' tlett elef tliet mija u ħamsa u sittin lira (Lm3,365);

Din il-Qorti kif presjeduta diġa tat ir-raġunijiet għaliex ma taqbilx maż-żewġ prinċipji applikati mill-Perit Ġudizzjarju,

f'sentenzi proċedenti tagħha, bħal dik fil-Qorti tal-Kummerċ tal-11 ta' Lulju 1989 fl-ismijiet **Agius *vs* Galea *et nomine*,** u dik f'din l-istess Qorti tal-25 ta' Lulju 1989, fl-ismijiet **Buttigieg *vs* Azzopardi** fost oħrajn. Dawn iż-żewġ prinċipji jirrigwardaw it-tul tal-ħajja lavorattiva li l-vittma ta' inċidenti bħal dak li huwa s-suġġett ta' din il-kawża, u *t-tnaqqis sostanzjali* fis-somma tad-danni għar-raġuni li din se titħallas f'daqqa. Il-Qorti qatt ma fehmet dawk ir-raġunijiet u wisq anqas issa li ilha tisma' l-istess *argumenti ripetuti diversi drabi* u għalhekk *diversi opportunitajiet* li tirrifletti u terġa' tirrifletti fuqhom;

*Difatti fuq il-prinċipju tat-tul tal-ħajja lavorattiva ta' l-attur;* raġel ta' tnejn u tletin sena jingħad illi għandu jiġi kkalkolat illi huwa sa jaħdem għal għoxrin (20) sena oħra u l-qligħ tiegħu għalhekk għandu jiġi kkakolat sa daqshekk għaliex daqshekk sa jaħdem. Issa l-**ġeneralità** ta' l-irġiel ta' dawn il-gżejjer illum – għall-grazzja t'Alla – jissuperaw sewwa dan iż-żmien li fih jaħdmu u jkunu jistgħu jgawdu l-pensjoni li llum hija stabbilita favur kulħadd. Għaliex allura l-vittma ta' inċident għandu jiġi meqjus bħala wieħed mill-minoranza ta' għaxra fil-mija (10%) li ma jsalux sa l-età ta' wieħed u sittin (61)? Għaliex? Il-Qorti difatti kellha diversi drabi l-inkredibbli esperjenza li tisma' s-sottomissjonijiet tad-debitur *jgħid illi, "mhuwiex* **ġust** li huwa jiġi pprivat mill-vantaġġi ta' l-imprevist fil-ħajja", u li huwa l-imprevist li jnaqqas il-ħajja tal-vittma. Il-Ġustizzja li taf il-Qorti hija dik li fil-limiti **tar-realtà** u *kemm* **huwa possibbli,** *terġa'* tpoġġi lill-vittma, ta' kwalsiasi att inġust, fl-istat li kienet qabel. Il-Qorti anzi tifhem il-kuntrarju ta' dan l-argument. Huwa inġust li f'dawn il-każijiet, u *fejn* ir-restituzzjoni *fiżika tal-ġisem* u s-saħħa tal-vittma ta' l-att illegali u inġust ta' ħaddieħor m'humiex possibbli, ma tassikurax kemm tista' kompensazzjoni adegwata.

Altru mill-imprevist. L-eżerċizzju huwa fuq ir-realtà sakemm hija prevedibbli a bażi ta' statistika u induzzjoni;

Hekk ukoll fil-kwistjoni tad-deduzzjoni a bażi tal-fatt li s-somma sa titħallas f'daqqa. Il-kalkolu jsir fuq is-salarju **preżenti** tal-vittma. Ħames (5%) fil-mija ta' **dak** is-salarju; mentri dawk il-ħamsa fil-mija (5%) inkwantu huma ta' natura permanenti, il-vittma se tbatihom fuq kull salarju, ċertament ħafna aktar għoli minn ta' llum, li se tkun intitolata għalih sakemm tibqa' taħdem. Hija esperjenza ġenerali ta' dawn l-aħħar almenu 50 sena ta' l-istorja tad-dinja illi l-valur tal-flus niżel b'mod li ebda rata ta' interessi ma rnexxilha żżomm il-pass biex tibbilanċja l-inflazzjoni u għalhekk it-tibdil 'il fuq fis-salarji hija rikorrenza ta' kull sentejn – tlieta, l-aktar. Għalhekk m'hemm assolutament ebda ġustifikazzjoni **realistika** għal din id-deduzzjoni għaliex il-ħlas qed isir f'daqqa;

Għall-bqija tal-likwidazzjoni l-Qorti taqbel ma' dak li hemm fir-rapport;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti filwaqt li taddotta dak kollu li hemm fir-rapport peritali għal dak li jirrigwarda r-responsabbiltà ta' l-inċident u konsegwentement tiddikjara lill-konvenut ħati tal-kolliżjoni li ġrat fit-3 ta' Mejju 1988, fit-Triq ta' l-Imġarr, Victoria, Għawdex, imsemmija fiċ-ċitazzjoni; tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' ħamest elef disa' mija u sitta u sebgħin lira (Lm5,976) kwantu għal Lm2,611 danni ermerġenti kif hemm fir-rapport peritali u kwantu għal Lm2,365 – għan-nuqqas ta' qligħ li se jbati l-attur; u tikkundanna lill-konvenut li jħallas dan l-ammont lill-attur flimkien ma' l-ispejjeż tal-kawża; – ħlief dawk ta' l-intervent

fil-kawża li għandu jħallas l-ispejjeż tiegħu u li, kif intqal, in-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu u l-punti hemm sollevati huma barra mit-termini tal-kawża u għalhekk irritwali.